MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2013

Numru. 334/2002
Kawza Numru. 25

**Il-Pulizija**
**Supritendent Alexandra Mamo**

**VS**

**Edward Buttigieg, iben Angelus u Pawla Cassar, imwieled Ghajnsielem, Ghawdex nhar it-3 ta' April, 1951, residenti fil-fond Edmar House, Garden Street, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 29151M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Edward Buttigieg** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar xhur, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a. B'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn Lm100.00 ghad-dannu ta' diversi persuni, tas-Socjeta' Paolo Bonnici Ltd, British Import Company Ltd, u persuni ohra, u dan bi ksur tal-Artikoli 308, 309, u 310(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. U aktar talli f'isem il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, skont l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru XXIII tal-1998), u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, fil-5 ta' Dicembru, 2001 u fi zmien ta' qabel u wara din id-data, f'dawn il-Gzejjer, naqas, jew huwa jew impjegati tieghu, jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-Partita 10 tal-Erbatax-il Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skont il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-Pariti 1, 2, 3, u 10 tal-imsemmija Skeda; u l-Artikoli 51 u 77 (a) u (e), u 82(2) tal-Att Nru XXIII tal-1998;

c. U aktar talli fl-istess zmien, naqas, jew huwa jew impjegati tieghu, jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skont il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-Parititi 1 u 2 tal-Erbatax-il Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud; u l-Artikoli 51 u 77(a) u (e), u 82(2) tal-Att Nru XXIII tal-1998.

Rat illi moqrija l-istess akkuzi, l-imputat inizzjalment wiegeb illi ma kinx hati tal-istess; kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll illi f'dan ir-rigward l-Avukat Generali hareg l-Ordni ghall-istess.

Rat ukoll illi fl-ahhar ta' dawn il-proceduri, l-imputat issa ghazel illi jirregistra ammissjoni, moghti zmien jahseb dwar l-istess.

Rat ukoll ix-xhieda ta' Paul Scicluna, dak iz-zmien rapprezentant tad-Dipartiment tal-VAT, fejn prezenta letter to prosecute fil-konfront tal-imputat ghan-nom tal-Kummissarju tal-VAT – folio 24, Dok A, dan fil-konfront tat-tieni akkuza.

Semghet anke x-xhieda ta' Victor Galea Salamone dwar il-prodott Ariel, mibjugh bhala tali mill-imputat li skont ix-xhud ma kinx fil-fatt dak il-prodott kif elenkat.

Semghet ukoll ix-xhieda ta' certu Monique Panowek, ukoll dwar l-ilment fil-konfront tal-prodott.

Marisa Aquilina xehdet dwar inkarigu ex parte, imqabbda ghal dan l-iskop minn British Co Ltd fuq analizi tal-kampjuni tad-detergent (falz) mibjugh – ezebit f'dan ir-rigward bhala Dok MA folio 73. Ikkonkludiet mill-analizi li ghamlet mas-samples illi hadet li kienu zewg samples divresi.

Clarke Blake xehdet li xtrat prodott bhala Dixan li ma kinx hekk, qalet illi xtrat il-prodott minghand l-imputat.

Giet ezebita wkoll il-Power of Attorney li s-socjeta' Procter & Gamble Company tat lis-socjeta' VJ Salamone Ltd biex jagixxu f'isimhom. VJ Salamone kienet ghalhekk ghamlet il-kwerela taghha biex titmexxa din il-kawza in vista' tal-prodotti Dixan u Ariel, folio 99 – 105.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti, inkluza l-istess ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti qieghda ssibu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, wara li rat l-Artikoli 308, 309, u 310 tal-

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll l-Artikoli 51, 77, u 82 tal-ATt XXIII tal-1998; kif ukoll il-Partita 10 tal-Erbatax-il Skeda tal-imsemmi Att.

Dwar il-piena, semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet, u qieset illi nonostante li din il-kawza ttawlet b’mod konsiderevoli minhabba anke ghall-fatt illi l-imputat jew ma kinx jidher, jew mhux nofifikat, fl-ahhar huwa ghazel illi jirregistra ammissjoni.

Ghalhekk takkolji t-talba tal-Avukat Difensur li m’ghandhix timponi fuqu piena karcerarja effettiva, u qieghda fil-konfront tar-reati taht il-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn(2) mill-lum, u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Dwar il-ksur tal-Ligi tal-VAT, rat illi hi prekluza li tapplika l-Artikolu 21 u 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll xi provvediment tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundanna lill-imputat ghal multa ta’ €800 in kwantu ghal ftit (tnejn) xhieda mressqa fuq akkwist.

Tordna d-distruzzjoni ta’ kull prodott lilha ezebit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------